*Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.*

ECHA/NA/12/42

# L-ECHA ssaħħaħ l-istrateġija tagħha ta' kontroll tal-konformità

## L-ECHA qed tintroduċi mmirar sistematiku ġdid ta' kontrolli tal-konformità abbażi ta' kwistjonijiet speċifikati. Dan ser iżid l-opportunitajiet sabiex id-dossiers b'nuqqas ta' konformità jiġu skrutinizzati u tiġi żgurata konformità ikbar tar-reġistrazzjonijiet għal REACH.

**Ħelsinki, 17 ta' Settembru 2012 –** Biex tiżgura konformità ikbar tad-dossiers ta' reġistrazzjoni għal REACH, l-ECHA twettaq kemm kontrolli sħaħ tal-konformità fuq id-dossiers u issa, timmira b'mod iktar effettiv l-evalwazzjoni tagħha lejn partijiet speċifiċi tagħhom.

F'kontroll sħiħ tal-konformità, l-ECHA tindirizza l-kontenut sħiħ tad-dossier f'eżerċizzju wieħed ta' evalwazzjoni, speċjalment għal dossiers ta' reġistrazzjoni magħżula b'mod każwali. Dan ifisser li l-ECHA twettaq evalwazzjoni sistematika tar-rekwiżiti kollha ta' informazzjoni fid-dossier tekniku (eż. punti tat-tmiem fiżikokimiċi, ambjentali u ta' saħħet il-bniedem), inklużi l-elementi korrispondenti u l-konklużjonijiet ipprovduti fir-rapport dwar is-sigurtà kimika (jiġifieri valutazzjoni tal-PBT/vPvB, klassifikazzjoni u tikkettar, stima tal-espożizzjoni u karatterizzazzjoni tar-riskji). Meta dossier ma jkunx konformi ma' rekwiżit ta' informazzjoni, l-ECHA titlob l-informazzjoni f'deċiżjoni unika. Id-deċiżjoni tittieħed f'kooperazzjoni mal-Istati Membri.

F'kontroll tal-konformità mmirat, l-ECHA tevalwa biss parti speċifika tad-dossier ta' reġistrazzjoni abbażi ta' kwistjonijiet speċifikati. Punti tat-tmiem jew kriterji magħżulin (fi gruppi), imsejħa oqsma ta' tħassib, ġew identifikati li huma partikolarment relevanti għall-użu sikur tas-sustanzi. L-għan aħħari huwa li ssir enfasi fuq dawk il-punti tat-tmiem li għandhom impatt fuq saħħet il-bniedem u l-ambjent. Issir enfasi fuq il-karatteristiċi Persistenti, Bijoakkumulattivi u Tossiċi (PBT); Karċinoġeni, Mutaġeni jew Tossiċi għar-Riproduzzjoni (CMR); jew sensibbli (S) ta' sustanza. L-immirar assistit mill-IT flimkien ma' ġudizzju espert ser jgħinu biex tinkiseb il-konformità miżjuda meħtieġa tad-dossiers ta' reġistrazzjoni. Issa, il-probabbiltà li d-dossiers mhux konformi jintgħażlu għal kontroll tal-konformità hija ogħla. Id-dossiers ippreżentati b'mod individwali barra preżentazzjoni konġunta eżistenti u dossiers b'elementi essenzjali mhumiex kompluti b'mod ċar sejrin jintgħażlu b'mod awtomatiku għal kontrolli tal-konformità.

### Potenzjalment iktar Abbozzi ta' Deċiżjonijiet fuq l-istess dossier ta' reġistrazzjoni

Il-konsegwenza tal-kontroll tal-konformità mmirat huwa li jekk id-dossier ikun fih bosta nuqqasijiet ta' konformità, fil-futur qarib ir-reġistranti jistgħu jirċievu iktar minn abbozz ta' deċiżjoni wieħed għal kull dossier ta' reġistrazzjoni f'mumenti partikolari differenti. L-ECHA tistieden lir-reġistranti li jirċievu l-ewwel abbozz ta' deċiżjoni bħala riżultat ta' dawn il-kontrolli

tal-konformità mmirati, biex jerġgħu jivvalutaw il-kwalità ġenerali tad-dossier ta' reġistrazzjoni tagħhom u jħejju l-aġġornamenti fejn ikun meħtieġ.

F'dan il-kuntest, l-ECHA tfakkar lir-reġistranti li għall-kwistjonijiet l-aktar komuni ta' nuqqas ta' konformità li ġew identifikati fl-imgħoddi, fir-rapport ta' evalwazzjoni Annwali wieħed jista' jsib lista ta' rakkomandazzjonijiet biex titjieb il-kwalità tad-dossiers. Barra minn hekk, l-ECHA tibda serje ta' webinars li fihom ir-reġistranti sejrin jinħataw parir dwar kif jikkonformaw id-dossiers ta' reġistrazzjoni tagħhom mar-REACH.

## Iktar tagħrif

- Rapport ta' valutazzjoni annwali
- Webinar dwar "Kif tikkonforma d-dossier ta' reġistrazzjoni tiegħek mar-REACH – Ideat u pariri (Parti 1) – irreġistra issa għas- 27 ta' Settembru 2012 3:00 pm ħin ta' Ħelsinki, (GMT+03:00)
- Paġni ta' kontrolli tal-konformità fuq il-websajt tal-ECHA
- Mistoqsijiet u tweġibiet dwar il-kontrolli tal-konfirmità mmirati (http://echa.europa.eu/mt/support/faqs/qa-on-targeted-compliance-checks)
- Proċedura dwar l-Evalwazzjoni tad-Dossiers